Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **14 ta’ Settembru 2021**

# Ftuħ speċjali ta’ erba’ siti ta’ Heritage Malta f’Jum l-Indipendenza

Fil-21 ta’ Settembru, Jum l-Indipendenza, tista’ tivvjaġġa tul l-istorja mlewna tal-Gżejjer Maltin billi żżur erbgħa mis-siti u l-mużewijiet ta’ Heritage Malta li normalment ikunu magħluqin nhar ta’ Tlieta. Dawn huma l-Forti Sant’Anġlu, il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Katakombi ta’ San Pawl u l-Armerija tal-Palazz.

Jekk tibda mill-qalba tar-Rabat, mawra sal-Katakombi ta’ San Pawl tieħdok lura sal-perjodi bikrin tal-istorja ta’ Malta kif ukoll iż-żmien tal-medjuevu. Il-katakombi jinsabu lil hinn mill-belt ta’ Melite, li llum nafuha bħala l-Imdina, billi l-liġi Rumana ma kinitx tippermetti dfin fil-belt innifisha. Bdew jintużaw għad-dfin fil-perjodu Puniku u Ruman u jirrappreżentaw l-ewwel u l-akbar evidenza arkeoloġika tal-Kristjaneżmu f’pajjiżna. Ir-rabta ma’ San Pawl ġejja mill-mit li dawn il-katakombi xi darba kienu jagħtu għall-grotta ddedikata lill-qaddis.

Waqfa fil-Belt Valletta tieħdok l-ewwel nett fil-Mużew tal-Arkeoloġija, li jinsab fil-Berġa ta’ Provenza, waħda mill-aktar binjiet b’tiżjin Barokk elaborat fil-belt kapitali. Il-kollezzjoni esebita hawnhekk tmur lura sa 5000 sena qabel Kristu u tinkludi għodod preistoriċi u wħud mill-aktar rappreżentazzjonijiet artistiċi bikrin li nafu bihom s’issa. Bħalissa dawk li jżuru l-mużew jistgħu wkoll jaraw il-kranji li kienu nstabu fl-Ipoġew ta’ Ħal Saflieni u li sa tmiem Ottubru huma esebiti fil-wirja ‘Alien Headaches? The Hypogeum Skulls Enigma’.

Ftit passi ’l bogħod, se ssib tistenniek l-Armerija tal-Palazz, li tieħdok fi żmien il-Kavallieri ta’ San Ġwann. Fost l-aktar artefatti notevoli tal-Armerija nsibu l-korazzi tal-Gran Mastri Alof de Wignacourt u Jean de la Valette, korazzi u armi li ntużaw mill-qawwiet tal-Imperu Ottoman matul l-Assedju l-Kbir tal-1565, kif ukoll għażla ta’ artillerija.

Fuq in-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir, il-Forti Sant'Anġlu wkoll se jkun qed jilqa' l-viżitaturi nhar l-Indipendenza. Tul dawn l-aħħar elf sena, kull min ħa dan il-forti f'idejh seta' effettivament imexxi l-Gżejjer Maltin. Għalhekk l-ebda forti ieħor ma kien involut bl-istess intensità fit-tiswir tad-destin ta' Malta. Illum dan il-forti hu meqjus bħala l-aqwa tifkira tal-importanza strateġika ta' dawn il-gżejjer u l-ħajjiet kollha li ġew sagrifikati għall-ħakma tagħhom.

Il-ħinijiet tal-ftuħ speċjali ta' dawn is-siti huwa mill-10:00 sal-16:30.

Is-siti se jinfetħu f'osservanza stretta tar-regolamenti tas-Saħħa Pubblika relatati mal-pandemija tal-Covid-19. Il-viżitaturi jridu jilbsu maskra u jirrispettaw il-miżuri tad-distanza soċjali. Heritage Malta tirriserva d-dritt li tirrifjuta li ddaħħal lil min ikollu temperatura ta' aktar minn 37.2 grad Celsius jew ma jħossux f'sikktu.

Aktar tagħrif jinsab fis-sit elettroniku www.heritagemalta.org